MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 259/2006

**Maria Concetta mart John Said, Anna Concetta Borg, Grazio Borg, Francis Borg, Agatha Borg, Maria mart Saviour Galea, Paul Borg, Anthony Borg, Mark Brincat, Josephine Ann *sive* Joanna Vella, Maria Speranza mart Alfred Buttigieg, Carmela Zammit f'isimha proprju u bħala mandatarja ta' oħtha l-assenti Michelina Lye, Josephine *sive* Jessie Azzopardi f'isimha proprju u bħala mandatarja ta' l-assenti Nazzarena *sive* Rena Bulbrook, Mary Cutajar, Simon Azzopardi, Vincenza Vassallo, Carmela mart Carmelo Ciantar, Joseph Vassallo, Doris Vassallo u Paul Vassallo**

***Versus***

**Kristinu u Josephine konjuġi Micallef**

Din is-sentenza hija dwar talba tal-konvenuta biex tiġġustifika ruħha talli ma weġbitx għar-rikors maħluf ta' l-atturi fiż-żmien li tagħti l-liġi.

B'dikriet tas-17 t'April 2006 il-qorti kienet ordnat illi r-rikors maħluf ikun notifikat lill-konvenuti li kellhom jippreżentaw l-eċċezzjonijiet tagħhom fil-forma u fiż-żmien li trid il-liġi. In-notifika saret fl-20 t'April 2006. Billi l-konvenuti ma weġbux, il-qorti b'dikriet tat-13 ta' Ġunju 2006 ordnat illi l-kawża titqiegħed fuq il-lista tat-30 ta' Ġunju 2006 sabiex dakinhar jitfassal programm għas-smigħ tax-xhieda.

Fit-30 ta' Ġunju 2006 il-konvenut deher u talab illi jitħalla jressaq l-eċċezzjonijiet tiegħu għalkemm għalaq iż-żmien għalhekk. B'sentenza tat-12 ta' Diċembru 2006 il-qorti laqgħet it-talba u reġgħet tat lill-konvenut żmien biex iwieġeb.

B'rikors tat-18 ta' Diċembru 2006 reġgħet saret talba oħra, din id-darba mill-konvenuta, sabiex tiġġustifika n-nuqqas tagħha li twieġeb fiż-żmien li tagħti l-liġi.

Ir-raġuni mogħtija għala l-konvenuta naqset li twieġeb hija illi n-notifika lilha saret f'idejn żewġha l-konvenut. Dak iż-żmien il-konvenut, kif jidher minn ċertifikat maħruġ mit-Tabib Psikjatra Joseph Cassar, kien ibati minn "*depressive and anxiety symptoms*" u "*severe attention and concentration problems*". Għalkemm ingħata mediċini, fosthom pilloli "*to help with his memory*", u s-sitwazzjoni tjiebet xi ftit, xorta baqa' juri dawn is-sintomi. Minħabba din l-kondizzjoni mentali tiegħu, il-konvenut, meta laqa' n-notifika ta' l-atti f'isem martu, ma għarafx l-importanza tagħhom u ma għamel xejn dwarhom.

Għalhekk, għalkemm formalment notifikata f'idejn żewġha, il-konvenuta effettivament ma kinitx taf bil-proċeduri u ma setgħetx twieġeb fiż-żmien li tagħti l-liġi.

Il-qorti tosserva illi n-notifika seħħet meta l-marda mentali tal-konvenut kienet f'fażi akuta. Kif xehed ibnu Joseph Micallef, "… … … kien jinsa kollox. Ma kienx ikun irid joħroġ, dejjem bilqiegħda u ma jagħmel xejn. Ngħid illi kont tkellmu u jibqa' jiċċassa lejk, jew ma jweġbikx." Il-qorti tifhem, għalhekk, illi n-nuqqas tal-konvenut li jgħarraf lil martu bin-notifika ta' l-atti ma kienx minħabba nuqqas volontarju jew kolpuż tiegħu jew tagħha li jagħti lil atti tal-qorti l-importanza xierqa, iżda għax moħħ il-konvenut kien imċajpar bil-marda li kellu. Tifhem ukoll illi, f'dawk iċ-ċirkostanzi, il-konvenuta aktar kienet preokkupata bl-istat tas-saħħa ta' żewġha milli bi ħwejjeġ oħra.

Fiċ-ċirkostanzi, din il-qorti hija tal-fehma illi ma jkunx xieraq illi l-konvenuta tkun imċaħħda mill-jedd fondamentali tagħha illi tinstema' qabel ma tinqata' l-kawża. Għalhekk tagħti lill-konvenuta żmien ta' għoxrin jum millum biex twieġeb għar-rikors maħluf ta' l-atturi fil-forma li trid il-liġi, b'dan illi għandha wkoll fl-istess żmien tagħmel dak li jrid id-dikriet tas-17 t'April 2006.
L-ispejjeż ta' dan l-episodju għandha tħallashom il-konvenuta.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------